**4 ta' Frar, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A. LL.D.**

Louis Manduca

*versus*

Frances Manduca

**Fedekommess – Bejgħ – Investiment – Preskrizzjoni Trentennali – Frodi**

*Azzjoni għal dikjarazzjoni li fondi mixtrija mill-konvenut kienu jappartjenu lill-fedekommess bi flus mil-liema dawk il-beni kienu nxtraw. Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni.*

*Il-Qorti rriteniet li l-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' tletin u mhux erbgħin sena. Inoltre dik l-preskrizzjoni kienet bdiet tiddekorri mid-data li kien sar l-akkwist. Għalhekk l-azzjoni intentata mill-attur ma setgħetx tirnexxi.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuta kienet prokuratriċi u sussegwentement esekutriċi ta' Antonio Manduca li skond sentenza tal-ħamsa (5) ta' Novembru 1938 kellu jimpjega l-prezz rikavat mill-bejgħ ta' l-artijiet fedekommissarji ta' Vnezja f'xiri ta' immobbli li kellhom jiġu ssurrogati għall-artijiet mibjugħa, u dan il-prezz kien ġie ddepożitat b'ordni u taħt l-eġida ta' l-istess Qorti Ċivili fil-Banka Tagliaferro; u premess illi meta mietu Antonio Manduca, Salvinu Manduca u fl-aħħarnett Robert Manduca kollha detenturi tal-fedekommess ġie skopert illi fit-tmintax (18) ta' Ottubru 1950 il-konvenuta Frances Manduca xtrat id-dar *Bay View Cottage, Marsascala* f'isimha proprju u hekk ukoll li fit-tnax (12) ta' Settembru 1953 kienet xtrat il fondi fl-Isla 5 St. Ursola Street minflok f'isem il-vokati kif odrnat din il-Qorti;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara ħatja ta' disprezz ta' l-ordni speċifika ta' din il-Qorti lill-konvenuta anke jekk jirriżulta jew teċċepixxi li

għamlet dan b'konnivenza ta' ħutha billi bl-aġir tagħha ffrodat lill-attur, meta minflok xtrat immobbli f'isem il-vokati xtrat f'isimha proprju;

2. Tordnalha tidher fuq att pubbliku, wara li jiġi nnominat nutar u prefiss il-ħin u jum għall-pubblikazzjoni ta' dan l-att sabiex tittrasferixxi lill-attur bħala maskju vokat a tenur tas-sentenza tal-ħamsa (5) ta' Novembru 1938 ta' din il-Qorti id-dar *Bay View Cottage,* 56 Żonqor Street, Marsascala u d-dar numru 5, St. Ursola Street, l-Isla;

3. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għad-danni u telf ta' qliegħ kkaġunati lill-attur bil-qerq u malammministrazzjoni tal-konvenuta billi għaż-żmien li jirriżulta bil-qerq u inġustament pprivatu mit-tgawdija leġittima tal-proprjetà tiegħu liema danni jiġu jekk hemm bżonn likwidati permezz ta' periti nnominati;

4. Tikkundannaha tħallas is-somma hekk likwidata lill-attur bl-ispejjeż kompriżi dawk tas-sekwestru Nru 709/87 tat-tmintax (18) ta' Mejju 1987;

*Omissis;*

Ikkunsidrat illi qabel xejn għandu jingħad illi din is-sentenza hija limitata għall-ewwel eċċezzjoni dwar preskrizzjoni, fis-sens ukoll li kemm-il darba din kellha tiġi milqugħa, allura ma jkunx hemm iżjed ħtieġa ta' indaġini u deliberazzjonijiet ulterjuri dwar it-talbiet ta' l-attur;

L-eċċezzjoni tal-konvenuta hija msejsa fuq il-preskrizzjoni trentennali a tenur ta' l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Skond dana l-artikolu, l-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti

jaqgħu bil-preskrizzjoni għeluq tletin (30) sena, u ebda opposizzjoni għall-preskrizzjoni u ebda opposizzjoni ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi;

Fil-kors ta' sottomissjonijiet ġew imqanqla żewġ punti mill-abili difensuri tal-kontendenti jiġifieri:

1. Jekk il-preskrizzjoni applikabbli hijiex f'kull każ dik issollevata mill-konvenuta jew inkellha dik itwal ta' erbgħin sena a tenur ta' l-art. 2144(1) tal-Kodiċi Ċivili li tirreferi għall-każ ta' mmobbli suġġett għal fedekommess;

2. U minn liema perijodu, *se mai,* għandu jibda jiddekorri tali terminu;

Barra *mis-suespost,* l-attur issottometta wkoll li ġaladarba huwa qiegħed jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja u dina l-azzjoni hi bbażata fuq frodi, allura ebda terminu m'għandu jiddekorri fil-konfront ta' l-azzjoni tiegħu;

Ikun qabel xejn utili hawn illi wieħed jagħti l-punti saljenti tal-fatti li jiffurmaw l-isfond ta' din il-kawża pjuttost komplessa. Fil-5 ta' Novembru 1938 dina l-Qorti tat provvediment li permezz *tiegħu ordnat illi l-prezz rikavat mill-bejgħ ta' immobbli* vinkolat b'fedekommess maskolin jiġi ddepożitat fil-Bank Tagliaferro fejn kellu jiġi kkonservat u impjegat fl-akkwist ta' proprjetà immobbiljari oħra li għandha tiġi ssurrogata fil-fedekommess flok il-fondi li ġew aljenati, u dana fl-interess tal-futuri vokati u sabiex il-fedekommess jibqa' jseħħ. Il-Qorti ordnat ukoll illi biex il-futuri vokati jkunu mħarsa u l-fedekommess ikkonservat kien hemm il-ħtieġa li ssir is-surroga bil-ksib ta' ġid immobbiljari ieħor, kemm jista' jkun bla telf ta' żmien. *Il*-prezz

tal-bejgħ tal-fondi kellu jitqiegħed fi tliet depożiti separati u indaqs bħala depożitu fiss għal sena, rinnovabbli għal ġusta kawża minn sena għal oħra, b'digriet kamerali jew xort'oħra ta' din il-Qorti fuq rikors ta' l-interessati, sakemm dan il-prezz jiġi f'daqqa jew biċċa biċċa impjegat fil-ksib ta' proprjetà mmobbiljari li għandha tiġi ssurrogata fil-fedekommess in kwistjoni flok il-fondi li minn fuqhom ġie mneħħi l-vinklu tal-fedekommess. Fl-atti tal-proċeduri l-Professur Vittorio Caruana kien innominat biex jirrappreżenta bħala kuratur lill-futuri vokati fl-istess fedekommess. F'din il-kawża indiżamina l-attur qiegħed jippremetti li huwa l-futur vokat;

Għandu jingħad ukoll illi fil-5 ta' Mejju 1950 ġie *in vigore* l-Att XII ta' l-1950 hekk imsejjaħ "dwar il-Ħelsien mill-Vinklu ta' Ġid marbut b'fedekommess". Fl-att taċ-ċitazzjoni tiegħu l-attur ma jagħmel l-ebda riferenza għalih. Issa, skond l-artikolu 3 ta' dana l-att mill-jum tal-5 ta' Mejju 1950, il-fedekommessi kollha ta' kull xorta fuq mobbli jew immobbli, imwaqqfin kien meta kien, sew jekk huma għal dejjem jew għal xi żmien, jitħassru, u l-ġid sa dak in-nhar marbut bihom isir tal-possessur ta' dak il-ġid mobbli jew immobbli, ħieles minn kull xkiel iżda b'dawk il-piżijiet, ipoteki awtorizzati u djun li kienu jolqtu l-ġid imxekkel. Fil-każ ta' fedekommessi indiviżibbli fuq immobbli, l-immobbli hekk meħlusin isiru tal-possessur, ħielsa minn kull xkiel kwantu għan-nofs u b'dan li n-nofs l-ieħor issir il-proprjetà ta' l-imsejjaħ *("the successor")*;

L-attur qiegħed jallega li l-konvenuta indaħlet biex tamministra l-proprjetà tal-familja meta kien għadu ħaj missierha Antonio Manduca u komplilet tamministra l-istess proprjetà bħala eżekutriċi testamentarja ta' l-assi ereditarji tiegħu għall-28 sena mingħajr qatt ma tat rendikont lil xi ħadd;

L-attur esebixxa kuntratt iddatat it-18 ta' Ottubru 1950 in atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit in forza ta' liema l-konvenuta akkwistat b'enfitewsi perpetwa ta' żewġ liri fis-sena l-utili dominju perpetwu tad-dar f'Marsascala *Bay View Cottage numru 65, Żonqor Street*, b'*bieb ieħor fuq Saint Joseph Street,* numru 67 versu l-prezz ta' Lm900 (disa' mitt lira). Li qiegħed jallega l-attur f'dina l-kawża hu li l-konvenuta akkwistat b'qerq u *ad insaputa* tad-detenturi u vokati tal-fedekommess *de quo* l-imsemmi fond, oltre wkoll id-dar bin-numru 5 *Saint Ursola Street, Senglea* – li dwarha ma ġie esebit ebda att relattiv – bil-flus iddepożitati kif fuq *imsemmi*;

Illi dwar l-akkwist tal-fond f'Marsascala għandu jingħad illi:

1. Mill-ebda parti tal-kuntratt ma jirriżulta li l-flus kienu **derivanti** mill-fondi mqegħdin fil-Bank kif fuq soġġetti;

2. Illi l-akkwist sar wara l-promulgazzjoni ta' l-Att XII ta' l-1950 fuq ukoll imsemmi;

3. Li ma hemm imnizzel xejn li tali fond inxtara in konnessjoni mal-flus tal-fedekommess;

4. Illi missier il-konvenut Antonio Manduca kien ħaj u baqa' jgħix sa l-1962 meta sar l-akkwist mill-konvenuta *in nome proprio;*

"*Di diritto*" għalhekk l-ewwel punt li jrid jiġi deċiż huwa minn meta, *se mai,* għandu jiddekorri t-terminu u liema terminu huwa applikabbli;

Dwar liema terminu huwa applikabbli l-Qorti hija tal-fehma

li *una volta* dak kollu li ngħad *supra,* it-terminu huwa *se mai* dak trentennali għaliex ma jistax jingħad li l-fond *de quo* ta' Marsascala (dwar l-ieħor ma nġiebet ebda prova) li dan kien immobbli suġġett għal fedekommess. Kjarament bil-liġi ta' l-1950, dan l-istitut spiċċa u kwindi l-preskrizzjoni ta' erbgħin sena rigward immobbli akkwistata **wara** l-5 ta' Mejju 1950 ma setgħet qatt tinkwadra ruħha taħt il-fedekommess;

Il-konvenuta mbagħad però qiegħda tissottometti li l-perijodu preskrittiv kellu jibda jitqies mid-data tal-preċitat provvediment tal-5 ta' Novembru 1938 u mhux minn perijodu aktar tard. Il-Qorti ma taqbilx ma' dina s-sottomissjoni. Kif elabora d-difensur ta' l-attur fin-nota tiegħu, l-azzjoni attriċi tajjeb jew ħażin mhux dik għall-esekuzzjoni ta' l-imsemmi digriet *in re:* **"Manduca *untrique*"** ***sic et simpliciter*** imma tmur oltre għaliex l-attur qiegħed jippretendi li tali proprjetà minnu indikata kienet **tiegħu** u li kwindi qiegħed jaġixxi per via ta' l-actio rei vindicatoria. Għalhekk l-attur qiegħed jivvanta jew jikkampa favur tiegħu dritt li jmur ferm lura mill-1938 u huwa kkollegat mal-fedekommess fondat minn Giovanni Paolo Manduca fuq il-Fewdo ta' Vnezja fl-1589 u li fuqu l-attur qiegħed jibbaża d-drittijiet tiegħu. Għalhekk kull perijodu tal-preskrizzjoni dak ta' tletin sena, jibda jgħaddi mid-data ta' meta sar l-allegat operat frawdolenti. Skond l-attur, il-konvenuta akkwistat f'isimha proprju f'żewġ dati separati, jiġifieri:

1. Il-fond *Bay View Cottage,* f'Marsascala fit-18 ta' Ottubru 1950; u

2. Il-fondi fin-numru 5, *St. Ursola Street, Senglea* fit-12 ta' Settembru 1953;

Mela l-aħħar data murija hija din l-aħħar imsemmija. Din il-kawża ġiet istitwita fit-2 ta' Ġunju 1987 u ċjoè meta l-perijodu preskrittiv kien skada. L-istess jingħad għal kull interruzzjoni li seta' ġab miegħu l-mandat ta' sekwestru Numru 709/87 għaliex dan ġie rreġistrat fit-18 ta' Mejju 1987. Kwindi l-perijodu ta' tletin (30) sena **skada;**

L-attur però qiegħed jissottometti li ġaladarba huwa qiegħed jallega li kien hemm operat klandestin bi skop ta' ingann da parti tal-konvenuta, il-perijodu ta' preskrizzjoni ma jibda jipperkorri qatt. Issa mill-atti stess u mid-dokumenti esebiti mill-attur jidher illi:

1. L-attur qatt ma kellu rendikont ta' l-amministrazzjoni magħmula mill-konvenuta; u

2. Illi, kwindi qatt ma seta' jingħad mill-attur li l-flus imqiegħda għax-xiri ta' immobbli in fedekommess ittieħdu mill-konvenuta biex **bihom** tixtri l-fondi *de quo* u mhux, per eżempju minn flus oħra;

3. Minn imkien ma jidher kif l-attur seta' qatt ippretenda li huwa kien "proprjetarju" ta' dawn il-fondi;

4. Il-fondi *de quo* nxtraw wara li spiċċa l-istitut tal-fedekommess bil-konsegwenzi li dana ġab miegħu u dana wkoll meta missier il-konvenuta, wieħed mill-awturi tal-kontendenti kien għadu ħaj;

5. Il-fatt li Robert Manduca għamel id-disposizzjoni testamentarja fit-termini msemmija – persuna li llum tinsab mejta – m'għandux ifisser li allura l-konvenuta ddifrodat

lill-attur;

Jingħad ukoll li l-ewwel li kellu jistabbilixxi l-attur kien x'sar bir-rikavat mill-bejgħ ta' l-artijiet "Ta' Vnezja". Jekk inxtrat proprjetà qabel il-5 ta' Mejju 1950 allura l-liġi stess tiddisponi x'kellu jsir, jekk baqgħu biss flus kull ma seta' jippromwovi l-attur kienet istanza a bażi ta' miżapproprijazzjoni ta' fondi. Fil-mument li sar l-akkwist tal-fondi msemmija, l-attur ma setax jgħid li huwa kien "maskju vokat" għaliex il-fedekommess kien ġie abolit u l-predeċessur tat-titlu *di fronte* almenu l-konvenuta kien għadu jgħix;

Huwa minnu li l-attur ipprova b'mezzi legali jottjeni rendikont ta' l-operat tal-konvenuta sija mis-Sekond'Awla kif ukoll minn dina l-Qorti, kif diversament presjeduta, u li però sab ruħu f'ċirku vizzjuż b'eżitu negattiv għal dak li kien qiegħed jitlob. Iżda b'daqshekk huwa qatt ma kien f'posizzjoni li jaġixxi *qua* proprjetarju. Għalhekk ifisser li l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ hija dika ta' tletin sena. Jingħad ukoll li jekk kien hemm xi klandestinità fl-operat tal-konvenuta, dan żugr ma kienx jirrigwarda x-xiri tal-fondi *de quo* għaliex dawn ġew debitament akkwistati b'atti pubbliċi skond il-liġi. Il-liġi nostrali **għalhekk** tesiġi l-pubbliċità f'każ ta' immobbli a skans ċjoè ta' ħabi jew ekwivoċità fit-titlu. Wara l-5 ta' Mejju 1950, l-attur ma setax jippromwovi azzjoni fit-termini minnu proposti u kull dritt li seta' kellu kien jirrigwarda r-rikavat fi flus derivanti mill-bejgħ ta' l-art "Ta' Vnezja";

Għaldaqstant il-Qorti, in vista tas-suespost, qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-konvenut u tiddikjara l-azzjoni u t-talbiet ta' l-attur bħala preskritti. In vista tal-kontro-talba l-kawża għandha titħalla għall-kontinwazzjoni

salv ostakolu legali, u b'dana wkoll illi l-ispejjeż ġudizzjarji rigward it-talbiet ta' l-attur għandhom ikunu a kariku tiegħu unikament.